MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 930/2001/1

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Maria Antonia Cutajar sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Maria Antonia Cutajar**

**Vs**

**David Psaila**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef, tmien mija u tlettax il-Lira Maltin (Lm4813.00,0), jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti,**

**jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti Lm100 *excess* imhallas mill-attrici Maria Antonia Cutajar u r-rimanenti LM4713 bilanc tad-danni li ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici wara l-incident awtomobilistiku tad-29 ta' April tas-sena 2000 fi Triq in-Naxxar, San Gwann, bejn il-vettura numru BBJ 385 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru KAB 076 misjuqa minn Christopher Cutajar u proprjeta' tal-assikurata Maria Antonia Cutajar, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**2. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm3 tar-"Road Accident Report", Lm6 tal-konsult u tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju tas-sena 2001 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tieghu kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata s-26 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. In linea preliminari, l-atturi ghandhom jippruvaw li ghandhom l-interess rikjest mil-ligi sabiex jagixxu kontra l-eccipjent f'din il-kawza stante li mir-rapport tal-pulizija dwar l-incident de quo ma jirrizultax li l-attrici Antonia Cutajar kienet il-propjetarja tal-vettura Nru. KAB 076. Konsegwentement is-socjeta' attrici trid tipprova r-rapport guridiku li abbazi tieghu hallset lill-istess Antonia Cutajar u li fuq l-iskorta tieghu issa qed iddur fuq l-eccipjent ghal rifuzjoni ta' l-indennizz allegatament sborsat favur l-assikurata taghha;**

**2. Bla pregudizzju ghall-premess, u fil-mertu, it-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort ta' Christopher Cutajar xufier tal-vettura Nru KAB 076;**

**3. Fi kwalunkwe kaz, bla pregudizzju ghall-premess, il-quantum tad-danni pretiz mill-atturi huwa esagerat;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fid-29 ta' April tas-sena 2000 ghall-habta tas-6.00p.m. jew is-6.30p.m. gewwa Triq in-Naxxar, San Gwann, u fih kienu nvoluti l-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni BBJ-385 misjuqa mill-konvenut David Psaila u l-vettura tal-marka Volvo bin-numru ta' registrazzjoni KAB-076 misjuqa minn Christopher Cutajar izda proprjeta' ta' l-attrici Maria Antonia Cutajar;**

**2. Illi skond l-imsemmi Christopher Cutajar jirrizulta wkoll is-segwenti:**

**a. Illi l-incident sehh il-Hadd;**

**b. Illi hu kien niezel b'velocita' baxxa hafna fid-direzzjoni ta' San Giljan u kien qed isuq fil-karreggjata interna, aktar tard indikat minnhu stess li qed isuq "minn nofs it-triq 'l gewwa", (arafol 35);**

**c. Illi sema' "brake" minn warajh u ntlaqat mill-vettura l-ohra fuq imsemmija mid-direzzjoni ta' wara;**

**d. Illi kagun ta' dan l-impatt, il-vettura li dan Cutajar kien qed isuq giet daret kontra u spiccat tghalaq it-triq;**

**e. Illi din il-vettura l-ohra fuq indikata wara dan l-ewwel impatt, baqghet diehla fuq il-bankina u regghet sparat ghall-fuq il-vettura ta' l-imsemmi Cutajar fejn b'rizultat ta' dan inqalbet;**

**f. Illi konsegwentement il-vettura ta' Cutajar regghet intlaqtet u konsegwentement iddrittat ruhha u giet wiccha 'l isfel kif tidher fl-iskizz a fol 30;**

**3. Illi l-konvenut David Psaila jsostni s-segwenti:**

**a. Illi effettivament hu kien fil-gwida tal-vettura fuq indikata bin-numru BBJ-385 u kien qed isuq fit-triq fuq indikata biex jaqbad ir-"Regional Road" minn naha ta' San Gwann;**

**b. Illi jirrileva li kien ra l-vettura l-ohra involuta fl-incident in dizamina anzi, jafferma li kien miexi warajha;**

**c. Illi jsostni li kien madwar tlett vetturi warajha u wara xulxin fl-istess karreggjata;**

**d. Illi f'nofs in-nizla ra lill-konducent indikat aktar qabel Cutajar " ….f'nofs in-nizla minghajr ebda pre-avviz la "brake light" u lanqas "indicator" gibed lejn ix-xellug u dar bruskament lejn il-lemin biex jaghmel U-Turn", (ara fol 57);**

**e. Illi l-konvenut isostni li inahsad b'din il-manuvra bruska u sehhew il-konsegwenzi kollha mertu ta' din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi z-zewg versjonijiet fuq indikati gew immedjatament sostenuti mill-konducenti involuti hekk kif sehh l-incident meta kellimhom is-surgent involut;**

**Illi l-istess surgent jindika li l-hsarat sofferti mill-vetturi involuti kienu s-segwenti:**

**a. Volvo ta’ Cutajar:**
**i. Quddiem kollu;**
**ii. Il-“mudguard” ta’ wara tan-naha tal-lemin;**

**b. Toyota ta’ Psaila:**
**i. Quddiem kollu;**
**ii. In-naha tal-lemin kollu bil-bieba tax-xellug;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalkemm id-dinamika ta’ l-incident tirrizulta sufficjentement cara pero’, ir-responsabbilita’ ghall-istess mhux facilment deducibbli mill-fatti kif esposti;**

**Illi jirrizulta pacifiku li z-zewg vetturi kienu qed jigu misjuqa b’mod azzardat – dak tal-vettura assigurata mis-socjeta’ attrici jirrizulta mill-posizzjoni minnhu stess ammessa li kien fit-triq immedjatament qabel ma sehh l-incident; dak tal-vettura tal-konvenut mill-velocita’ eccessiva li l-impatt jitradixxi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghandu jinghad f'dan l-istadju li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi skartata minn din il-qorti stante li hi sodisfatta li s-socjeta' attrici nomine ipprezentat id-dokumentazzjoni rikjesta biex tistabilixxi n-nexus dovut biex tagixxi fil-kwalita' minnha assunta f'din il-procedura, u konsegwentement din il-qorti qed tirrespingi din l-eccezzjoni preliminari, bl-ispejjez;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi rigward id-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine u mill-attrici l-ohra ghandu jinghad li dawn gew regolarment ipprovati anzi, jirrizulta addirittura li ghall-iskopijiet li jidher li jafuhom huma biss, l-ammont effettivamet soffert kien akbar;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-konducenti involuti f'dan l-incident huma ugwalment responsabbli ghall-akkadut u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara li kemm Christopher Cutajar kif ukoll David Psaila l-konvenut huma ugwalment responsabbli ghall-akkadut;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont minnhom indikat fl-avviz odjern senjatament fl-ammont ta' erbat elef, tminn mija u tlettax-il Lira Maltin, (Lm4813.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut David Psaila biex in vista tal-premess ihallas lill-atturi nofs l-ammont minnhom pretiz f'din il-proceudra senjtament elfejn erba' mija u sitt Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2,406.50,0), ghall-imghaxijiet dovuti fuq dan l-isemmi ammont, u ghal nofs l-ispejjez involuti.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------